A.L. 230 ta' l-2003

ATT TA' L-1992 DWAR L-IPPJANAR TA' L-IŻVILUPP (KAP. 356)

Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Rati ta' Taxxa dwar Bini

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 41, 42 u 60 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, bil-kunsens tal-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent u tal-Ministru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Rati ta' Taxxa dwar Bini, u għandhom jinqraw u jiftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1996 dwar Rati ta' Taxxa dwar Bini, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 112 ta' l-1996.

Jemenda l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Is-subparagrafu (5) ta' l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:–

(i) is-subinċiż (u) tiegħu għandu jiġi mħassar;

(ii) is-subinċiżi (v), (w), (x), (y) u (z) tiegħu għandhom jiġu rispettivament enumerati bħala subinċiżi (u), (v), (w), (x) u (y).